MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 53/1996/1

**Victor Debrincat, Martin Debrincat, Francis Debrincat, Maria Daly kemm f'isimha proprju u kemm ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefrin Paul Joseph Cauchi u Natal August Cauchi**

**v.**

**Maria Cassar u b'digriet tas-7 ta' Lulju 1999, il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem il-konvenuta Maria Cassar li mietet fil-mori tal-kawza ghal fuq isem uliedha Rita mart Peter Paul Curmi, Elizabeth mart Joseph Farrugia, f'isimha proprio u bhala prokuratrici ta' l-imsiefrin Joseph Cassar u Josephine mart**

**Joseph Attard; Dr Mario Scerri li b'digriet tal-20 ta' Marzu 1996, gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Rose Grech, Dimitri Debrincat u Josephine Jain u b'digriet tal-15 ta' Ottubru 1997, Maria Daly giet nominata kuratrici deputata ta' Mary Rose Grech u Dimitri Debrincat minflok Dr Mario Scerri LL.D. u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 1997, Maria mart Dennis Daly giet nominata kuratrici deputata ta' Josephine Jain minflok Dr Mario Scerri LL.D.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI PROPRIO ET NOMINE**

1. B'citazzjoni l-atturi wara li ippremettew li fl-10 ta' Ottubru 1972, miet fl-Gharb Ghawdex, Carmel sive Roger Cauchi bin Paul Cauchi u Rose neè Tabone, minghajr prole (Dok B) b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Francesco Gauci tas-16 ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u erbghin (1949) li bih irregola s-successjoni tieghu billi halla fi kwoti ndaqs bejniethom lil ulied hutu u n-neputijiet "per capita" (Dok B).

Illi n-neputijiet, bniet u subien tal-mejjet Carmel sive Ruggieru Cauchi huma l-kontendenti u cioe` Rose Grech, Natal Cauchi, Paul Cauchi, Dimitri Debrincat, Michelina Debrincat, Josephine Jain, Maria Cassar, Maria Daly, Francis Debrincat, Martin Debrincat u Victor Debrincat.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti fil-wirt u successjoni tal-mejjet Carmel sive Ruggieru Cauchi.

Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt fuq imsemmi l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Talbu ghaliex m'ghandhiex il-Qorti:

(1) Tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo sive Ruggieru Cauchi billi tiddikjara li jikkonsisti f'dawk is-

sustanzi, mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

(2) Tiddividi l-istess assi hekk likwidati fi tnax-il porzjoni li ghandhom jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti barra mill-konvenuta Maria Cassar li ghandha tircievi zewg porzjonijiet.

(3) Tinnomina Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att ta’ divizjoni opportun fil-gurnata, hin u lok li jigu iffissati u bin-nomina tal-kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att pubbliku opportun.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTA MARIA CASSAR**

2. Il-konvenuta Maria Cassar eccepiet hekk:

(1) illi hija ma topponix ruhha ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-assi ereditarji ta’ l-istess Carmel sive Ruggier Cauchi purche` li l-ewwel tigi verifikata l-konsistenza ta’ l-assi ghad-divizjoni u l-kwota rispettiva tal-partijiet.

(2) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI L-OHRA**

3. B’nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu l-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita` tieghu ta’ kuratur ta’ l-assenti Rose Grech, Dimitri Debrincat u Josephine Jain eccepixxa li:

(1) illi l-eccipjent mhuwiex edott mill-fatti in kawza u ghaldaqstant irid jikkomunika mal-partijiet minnu rapprezentati u cioe` Rose Grech, Dimitri Debrincat, u Josephine Jain sabiex ikun jista’ jidderiegi ruhu ahjar;

(2) illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent ma jopponix li ssir il-qasma mitluba mill-atturi salv li jigu verifikati l-kwoti ta’ kull wiehed u wahda mill-partijiet u l-konsistenza ta’ l-assi in divizjoni u jirrimetti ruhu a savju u superjuri gudizzju ta’ din il-Qorti;

(3) B’rizerva li jgib eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B'sentenza taghha tal-4 ta' April 2002, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri iddecidiet billi filwaqt li laqghat it-talbiet kollha ta' l-atturi, innominat lin-Nutar Dottor Silvio Hili sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni, u innominat lill-Avukat Joseph Grech bhala kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att pubbliku opportun.

Illi dwar l-ispejjez tal-kawza l-istess Qorti iddecidiet li dawn ghandhom ikunu f'inter a karigu ta' Maria Cassar u Victor Debrincat nofs kull wiehed, filwaqt li l-ispejjez tal-kuntratt u l-kuratur jithallsu ndaqs bejn il-kontendenti kollha.

**L-APPELL TA' L-ATTUR VICTOR DEBRINCAT**

5. L-attur Victor Debrincat hass ruhu aggravat minn din is-sentenza riferibilment ghall-Kap ta' l-ispejjez u ghalhekk interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti:-

5.1 Illi hawnhekk si tratta ta' kawza ghad-divizjoni fejn ikun x'ikun l-ezitu taghha ma hemmx rebbieh u lanqas tellief. Ghalhekk ma jaghmel ebda sens illi l-ewwel Qorti akkollat l-ispejjez tal-kawza lil tnejn mill-kontendenti u ezentat lill-ohrajn.

5.2 Li kieku kien il-kaz (sic) l-appellant u l-konvenuta Maria Cassar gew assenjati aktar mill-kontendenti l-ohra, wiehed kien jista' jifhem li dawn ghandhom ibatu aktar spejjez, u dan minhabba l-beneficcju akbar li idderivaw mid-divizjoni. Izda dan mhuwiex il-kaz u l-attur kif ukoll il-konvenuta mhumiex sejrin jiehdu aktar minn kull sehem iehor li jappartjeni lill-kontendenti.

5.3 M'ghandha l-ebda bazi la logika u lanqas legali r-raguni moghtija mill-ewwel Qorti li fl-ishma ta' l-appellant u tal-konvenuta Maria Cassar hemm beni immobbli.

5.4 L-appellant u l-konvenuta sejrin jigu assenjati dawn il-beni akkont ta' sehem u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda valur ma huma ser jiehdu xejn aktar mill-kontendenti l-

ohra la darba ghal fini tal-valutazzjoni l-ishma baqghu l-istess, il-hlas ta' l-ispejjez ghandu jkun ugwali.

Ghaldaqstant l-attur appellant Victor Debrincat talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata ghar-rigward tal-kap ta' l-ispejjez billi tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-kontendenti, kulhadd skond is-sehem rikavat.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha skond ma jigi deciz f'dan l-appell.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. L-appell maghmul ghan-nom ta' Victor Debrincat huwa cirkoskritt ghall-kap ta' l-ispejjez in kwantu f'kawza ta' divizjoni familiae erciscundae il-Qorti ta' l-ewwel grad dehrilha li l-kap ta' l-ispejjez m'ghandux jingarr mill-kondividendi b'mod ugwali (kif dan, wara kollox, jirrispekkja l-kwoti li kull parti kellha tircievi) imma dehrilha, minflok, li l-imsemmija spejjez gudizzjarji ghandhom ikunu a karigu biss taz-zewg partijiet interament, nofs kull wiehed, jigifieri l-appellant Victor Debrincat u l-konvenuta Maria Cassar, filwaqt li l-ispejjez kontrattwali u dawk tal-kuratur kellhom jithallsu ndaqs bejn il-kontendenti kollha. Din id-differenzazzjoni saret da parti ta' l-ewwel Qorti ghar-raguni li liz-zewg persuni surreferiti gew assenjati lilhom beni immobbli, filwaqt li l-kondividendi l-ohra messhom beni mobbli jew flus kontanti.

7. L-appellant issottometta – u dan hu sewwa sew l-uniku aggravju tieghu – li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-kontendenti kollha, kulhadd skond is-sehem rikavat. Tajjeb li jigi rilevat li ghalkemm ma dahlet ebda twegiba in iskritt da parti ta' l-appellati, il-konvenuti Rita Curmi u Elizabeth Farrugia u dawk il-partijiet kollha li huma patrocinati minn Dottor Grazio Mercieca, iddikjaraw li huma kienu qeghdin jaderixxu mat-talba ta' l-appellanti (ara verbal tas-seduta datata 15 ta' Dicembru, 2004).

8. B'mod generali, il-mod kif jithallsu l-ispejjez gudizzjarji huwa regolat bl-Artikoli 223 sa 225 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet

ta’ Malta, b’dana li normalment kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lill-parti telliefa ghall-ispejjez.

Issa f’kawzi ta’ divizjoni bhax-xorta in ezami, ma jistax jinghad li hemm parti telliefa u ohra rebbieha ghas-semplici raguni li l-qasma tal-beni tkun saret skond il-ligi u dana fl-interess ta’ kulhadd. Li kieku l-ewwel Qorti immotivat it-temperament fil-kap ta’ l-ispejjez fuq ragunijiet ta’ xi ostakoli bla bzonn minn xi parti jew ohra fil-kawza, allura forsi kien ikun hemm xi gustifikazzjoni fid-differenzazzjoni li dehrilha taghmel, izda certament ma jidhirx li l-motiv li hija tat fis-sentenza kien tabilhaqq wiehed li jiggustifika li ssir distinzjoni bejn parti u ohra jigifieri ghar-raguni li l-appellant u l-konvenuta Maria Cassar messhom beni immobbli u l-ohrajn – li hadu s-sehem kollu lilhom spettanti – messhom beni mobbli. Kif tajjeb argumenta l-appellant fir-rikors ta’ appell, huwa ma kienx ser jiehu xejn aktar mill-kondividendi l-ohra ghal dak li jirrigwarda valur u kwindi l-hlas ta’ l-ispejjez kellu jkun ugwali. Fil-fatt, il-kontroparti appellata ma jidhirx li qeghdha toggezzjona ghal dan. Ghandu fl-ahharnett jigi wkoll rilevat li f’kawzi ta’ din ix-xorta l-ispartizzjoni tal-kap ta’ l-ispejjez dejjem segwiet dan il-binarju kif imsemmi mill-appellant u ghalhekk l-aggravju ta’ l-appellant huwa fondat u qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-appell ta’ l-appellant Victor Debrincat kif dedott, tirriforma s-sentenza appellata ghar-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez u dan billi tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-kontendenti, kulhadd skond is-sehem rikavat, b’dan li l-ispejjez ghal dan l-appell jigu sopportati bl-istess mod bejn il-kondividendi kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------